MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 478/2009

**Il-Pulizija**

**v.**

**Janis Caruana**

**Il-Qorti**:

**1.** Dan hu appell, interpost minn Janis Caruana (bin Alexander u Mary D'Amato, imwieled fit-22 ta' Novembru 1985 u detentur tal-karta ta' l-identita` nru 577785M), minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha dik il-qorti attivat il-piena ta' tmintax-il xahar prigunerija li kienet precedentement giet imposta fuq l-imsemmi Janis Caruana b'sentenza tal-15 ta' Jannar 2009. Permezz ta' din l-ahhar imsemmija sentenza tal-15 ta' Jannar 2009 Caruana, wara li kien ammetta tlett akkuzi (u cioe` tentattiv ta' serq kwalifikat, hsara volontarja fi proprjeta`, u sewqan ta' vettura bla kopertura tal-assigurazzjoni) kien gie kkundannat tmintax-

il (18) xahar prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin, kif ukoll tqieghed taht is-supervizjoni ta' zewg ufficjali tal-*probation* ghal periodu wkoll ta' tmintax-il (18) xahar *"b'dan illi l-istess Janis Caruana ghandu jibqa' b'kuntatt strett ma' l-istess Ufficjal ta' Supervizjoni* [1] *b'dan illi l-istess Janis Caruana ghandu jzomm il-kuntatt lilu ordnat kulljum ma' l-Agenzija Caritas, cioe` il-programm ta' erba' gimghat tal-gruppi. Wara li jispicca dan il-programm huwa ghandu jibda programm residenzjali ma' l-agenzija appozita u jobdi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-Ufficjal ta' Supervizjoni u l-istess ufficjali tal-agenzija."* Huwa kien gie wkoll immultat €2,330 u sospiz milli jkollu jew izomm licenzja ghal periodu ta' sena. Ghalkemm l-imsemmi Caruana talab is-sopensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza (tal-15/1/09) biex ikun jista' jappella minnha, mill-process li ghandha quddiem din il-Qorti ma jirrizultax li appell effettivament sar

**2.** Tmint ijiem wara li nghatat din is-sentenza, u precizament fit-23 ta' Jannar 2009, l-Ufficjal tal-*Probation* Trevor Calafato pprezenta nota quddiem il-Qorti Inferjuri li fiha, wara li huwa ghamel referenza ghas-sentenza, ghall-piena ta' prigunerija sospiza u ghall-ordni ta' supervizjoni aktar 'l fuq imsemmi, huwa nforma lil dik il-qorti li kien gie infurmat mill-Agenzija Caritas li Caruana *"attenda darbtejn biss ghall-gruppi mhejjija mill-Caritas jigifieri id-19 u 20 ta' Jannar, 2009. Fit-22 ta' Jannar 2009 l-Uffical tal-Probation gie avvicinat mill-Agenzija Caritas li minhabba n-nuqqas ta' attendenza ta' Janis Caruana, ghal darbtejn konsekuttivi, huwa ser jigi mwaqqaf milli jkompli l-gruppi msemmija u ghalhekk mhux se jkun jibda l-programm residenzjali skond id-dati li kienet infurmata bihom…[il-Qorti]."* Fl-istess nota nghatat informazzjoni ohra, fosthom li kien qed jigi suggerit li Caruana jerga' jibda l-gruppi fis-16 ta' Frar 2009. Man-nota kien hemm ukoll kopja ta' zewg *emails* b'aktar informazzjoni.

**3.** Gara li l-Qorti tal-Magistrati bdiet tiehu kkonjizzjoni ta' dak li kien gie rappurtat lilha biss fid-19 ta' Mejju 2009. Sorprendentement Trevor Calafato qatt ma tela' jixhed

[1] Recte: ufficjal sorveljanti.

biex jispjega ahjar in-nota tieghu. Pero` ddeponew persuni ohra, kemm mill-Agenzija Caritas kif ukoll mill-Agenzija Sedqa, u mid-deposizzjonijiet taghhom jirrizulta li matul periodu li jkopri diversi xhur l-appellant Caruana ma zammx ruhu in kuntatt kuljum ma' l-Agenzija Appogg kif kien obbligat li jaghmel, ghalkemm jidher li sforzi biex ikun hemm tali kuntatti saru da parti tieghu -- ara kemm id-deposizzjoni ta' Joyce Cassar kif ukoll dik ta' Reuben Degabriele.

**4.** Bid-decizjoni taghha tas-16 ta' Dicembru 2009, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) attivat, kif inghad, il-piena ta' prigunerija.

**5.** L-appellant appella b'rikors datat 28 ta' Dicembru 2009. L-ewwel aggravju hu maghmul jikkonsisti filli, skond hu, l-ewwel qorti qatt ma setghet tiehu d-decizjoni li hadet "in kwantu r-rapport bil-miktub mill-ufficjal sorveljanti rikjest mis-subinciz (9) tal-Artikolu 28G bhala l-bazi essenzjali tal-proceduri li jistghu jwasslu ghas-sanzjonijiet hemm imsemmija hija manifestament nieqsa". Skond l-appellant in-nota tal-Ufficjal tal-*Probation* tat-23 ta' Jannar 2009 ma kienitx "tiswa" ghall-finijiet tal-imsemmi subartikolu (9) ghax – dejjem skond l-appellant – l-imsemmi Calafato anqas kien jaf li kien gie hekk mahtur bhala ufficjal sorveljanti. It-tieni aggravju tal-appellant hu li x'gara wara l-presentata ta' dik in-nota ma setax jittiehed in konsiderazzjoni mill-ewwel qorti. It-tielet aggravju hu li, bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-ewwel qorti ma kellhiex tattiva s-sentenza ta' prigunerija izda, se mai, timponi l-ammenda indikata fl-imsemmi subartikolu (9).

**6.** Din il-Qorti, wara li ezaminat il-provi, tara li l-ewwel aggravju huwa infondat. In-nota ta' Trevor Calafato tat-23 ta' Jannar 2009 kienet rapport ghall-finijiet u effetti kollha tas-subartikolu (9) tal-Artikolu 28G. Ma hemmx ghalfejn li d-dokument jigi formalment intestat bil-kelma "rapport"! Anqas hu korrett l-appellant meta jghid li dan ir-rapport ma jiswiex ghax Calafato ma kienx jaf li hu kien gie mahtur bhala ufficjal sorveljanti. Hu manifestament car mill-kontenut tal-imsemmi rapport <u>li jaghmel referenza espressa ghas-sentenza tal-15 ta' Jannar 2009</u> li l-

imsemmi Ufficjal tal-*Probation* kien jaf ben tajjeb bin-nomina tieghu bhala ufficjal sorveljanti f'dan il-kaz.

**7.** Kwantu ghat-tieni aggravju, pero`, dan hu fondat. L-ewwel qorti kullma kellha tara kien jekk dak riportat fin-nota -- f'dan il-kaz li Caruana ma kienx zamm kuntatt ghal zewg okkazjonijiet konsekuttivi ma' l-Agenzija Appogg -- kienx jammonta ghal nuqqas li huwa jottempera ruhu mal-htiegiet, jew ma' xi wahda minnhom, mizjuda mal-ordni ta' supervizjoni. In-nota kienet giet presentata fit-23 ta' Jannar 2009, u ghalhekk l-indagini tal-Qorti Inferjuri kellha tkun limitata ghall-periodu mid-data tas-sentenza (15/1/09) sad-data tal-presentata tan-nota. Minflok ghamlet hekk, l-ewwel qorti dahlet f'maremanjum tal-provi li l-parti kbira taghhom kienu jirreferu ghal dak li gara wara, anzi ferm wara, it-23 ta' Jannar 2009. Huwa minnu li kemm Joyce Cassar kif ukoll Reuben Degabriele taw xi dati meta Caruana attenda ghal laqghat li kien mistenni li jattendi[2], izda imkien ma jispecifikaw espressament xi data bejn il-15 ta' Jannar u t-23 ta' Jannar 2009 meta huwa kellu jattendi u ma attendiex. Affarijiet serji bhal dawn m'ghandhomx jigu decizi fuq l-approssimattiv jew il-pressappoko. L-appellant, ghalhekk, gustament jilmenta li ma jistax jinghad li gie pruvat skond il-ligi li ghall-periodu in kwistjoni kien hemm xi nuqqas ta' osservanza ta' xi htiega mizjuda mal-ordni ta' supervizjoni. Ma hemmx ghalfejn, ghalhekk, jigi investit it-tielet aggravju.

**8.** Din il-Qorti zzid tghid li meta jsiru rapporti li persuna tkun naqset li tosserva xi htiega mizjuda ma' ordni ta' supervizjoni jew xi htiega imposta f'ordni ta' *probation*, tali rapporti ghandhom jigu appuntati u mismugha minnufih. Fi proceduri simili *time is of the essence*, ghax il-qrati ghandhom jizguraw li l-ordnijiet taghhom u l-kundizzjonijiet hekk imposti jigu osservati skrupolozament u *ad unguem*, u li fin-nuqqas il-konsegwenza ghall-hati tkun wahda tempestiva. Hekk biss jistghu tali ordinijiet jittiehdu bis-serjeta` mill-persuni li jkun gew ikkundannati u li fil-konfront taghhom ikunu saru dawk l-ordnijiet. Dan, s'intendi, jirrikjedi wkoll il-kooperazzjoni shiha tal-Pulizija

[2] Ara, per ezempju, fol. 156, 162 u 164..

Ezekuttiva li, skond il-ligi, hi inkarigata mill-ezekuzzjoni tal-ordnijiet u notifiki tal-Qrati tal-Magistrati f'materji penali. Fil-kaz in dizamina, ghalkemm l-ewwel qorti appuntat ir-rapport ghas-smigh ghall-20 ta' Frar 2009, ghal dik l-udjenza ma deher hadd! Il-Qorti iddifferiet ghas-27 ta' Frar 2009, u f'din it-tieni data deher l-Ispettur Keith Arnaud (li kien l-ufficjal prosekutur fil-proceduri originali) u informa lill-qorti li "ma lahaqx innotifika" lill-Caruana. Ghal din il-Qorti – cioe` ghall-Qorti tal-Appell Kriminali – skuzi bhal dawn huma inaccettabbli. Ma jistax ikun li l-Qrati Inferjuri jahdmu sew jekk min hu inkarigat min-notifiki – il-Pulizija Ezekuttiva – u specjalment f'kazijiet ta' certa urgenza, jiehu attitudini rilassata li kwazi tammonta ghal menefregismu. F'din l-udjenza tas-27 ta' Frar 2009 il-Qorti Inferjuri mbaghad iddifferiet ghad-19 ta' Mejju 2009, u proceduri li kellhom jiehdu biss udjenza wahda damu jkarkru sas-16 ta' Dicembru 2009.

**9.** Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka d-decizjoni tas-16 ta' Dicembru 2009 li permezz taghha giet attivata l-piena ta' prigunerija moghtija bis-sentenza tal-15 ta' Jannar 2009, u minflok tordna li l-appellant jerga' jitqieghed fil-posizzjoni li kien fiha minnufih qabel l-imsemmija decizjoni tas-16 ta' Dicembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------